**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 101/14VG**

**XXX**

**Vs**

**Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud)**

**Illum 24 ta' April 2017**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat mis-socjetà XXX fid-29 ta' Ottubru 2014 permezz ta' liema titlob li t-Tribunal ihassar u jannulla l-istimi mahruga fil-konfront taghha mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), ghall-perijodi ta' taxxa mill-1 ta' Frar 2008 sal-31 ta' Dicembru 2010, inkluzi t-taxxa amministrattiva u l-imghax, u minflok jikkonferma l-ammonti dikjarati minnha fid-Denunzji tat-Taxxa taghha ghall-perijodu mill-1 ta' Frar 2009 sal-31 ta' Dicembru 2010, bl-ispejjez kontra d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud);

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi permezz ta' liema jopponi ghall-appell tas-socjetà Rikorrenti mill-istimi mahruga kontra taghha ghall-perijodi ta' taxxa mill-1 ta' Frar 2008 sal-31 ta' Dicembru 2010 u jitlob li l-istess jigi michud, bl-ispejjez kontra taghha, u minflok l-istimi jigu kkonfermati stante li: (i) kuntrarjament ghal dak pretiz mis-socjetà Rikorrenti l-istimi mahruga minnu ma humiex preskritti in kwantu l-istimi provizorji inhargu u gew notifikati entro t-terminu statutorju ta' sitt snin mit-tmiem tal-perijodi ta' taxxa in kwistjoni u l-istimi finali nhargu u gew notifikati entro t-terminu statutorju ta' sitt xhur mid-data tan-notifika ta' l-istimi provizorji; (ii) l-istimi mahruga fil-konfront tas-socjetà Rikorrenti naqsu in segwitu ghar-*Review* ta' l-istimi provizorji u ghalhekk l-operat tieghu f'dan il-kaz kien gust u in konformità mal-provvedimenti tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta; (iii) huwa dejjem kien trasparenti fl-operat tieghu u s-socjetà Rikorrenti nghatat spjegazzjoni kemm dwar l-eiztu ta' l-investigazzjoni fil-konfront taghha kif

ukoll dwar l-ezitu tar-*Review* mitlub minnha u ghalhekk illum ma tistax tallega li ma kenitx taf b'dak li kien qed jigri; (iv) is-socjetà Rikorrenti ma tindikax b'mod car fejn huwa naqasha fl-operat tieghu; u (v) l-oneru tal-prova li l-istimi kontestati huma eccessivi jinkombi fuq is-socjetà Rikorrenti u a tenur tal-Ligi hu ma huwiex obbligat jipprova kif wasal ghall-konkluzzjonijiet tieghu fir-rigward tas-socjetà Rikorrenti;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi markati Dok. "A" sa' Dok. "G1" a fol. 13 sa' 75 tal-process;

Ra li waqt is-seduta tat-2 ta' Frar 2015[1], il-partijiet kontendenti qablu li fid-dawl ta' l-aggravju tal-preskrizzjoni sollevat mis-socjetà Rikorrenti, jigi trattat u deciz tali aggravju qabel ma' l-appell jigi trattat fil-mertu;

Sema' x-xhieda ta' Shirley Ciantar in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi moghtija waqt is-seduta tat-30 ta' Marzu 2015[2] u ra d-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "SC1" sa' Dok. "SC3" a fol. 86 sa' 88 tal-process;

Ra n-Nota ta' Referenzi pprezentata mis-socjetà Rikorrenti fis-27 ta' April 2015 a fol. 93 tal-process u ra n-Nota tal-Kummissarju tat-Taxxi pprezentata fl-4 ta' Mejju 2015 a fol. 94 tal-process;

Sema' t-trattazzjoni da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà Rikorrenti tikkontesta stimi mahruga fil-konfront taghha mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), illum Kummissarju tat-Taxxi, ghall-perijodi ta' taxxa 01.02.08-30.04.08, 01.05.08-31.07.08, 01.08.08-31.10.08, 01.11.08-31.01.09, 01.02.09-30.04.09, 01.05.09-31.07.09, 01.08.09-31.10.09, 01.11.09-31.01.10, 01.02.10-30.04.10, 01.05.10-30.09.10 u 01.10.10-31.12.10 permezz ta' liema qed tigi mitluba thallas is-somma komplessiva ta' €72,819.66 bhala taxxa dovuta ghall-perijodi ta' taxxa in kwistjoni, flimkien mas-somma komplessiva ta' €14,563.94 bhala multi amministrattivi w is-somma komplessiva ta' €37,637.08 bhala imghax.

Is-socjetà Rikorrenti titlob ir-revoka u thassir ta' l-imsemmija stimi stante li: (i) l-istimi ghall-perijodu qabel il-15 ta' Settembru 2009 huma preskritti; (ii) hemm diskrepanza bejn l-ammonti li jidhru fuq l-istimi u l-*workings* li kienu ipprovduti mid-Dipartiment; u (iii) ma huwiex minnu li fid-Denunzji tat-Taxxa taghha hija ghamlet *understatement* ta' l-Output Tax u *overstatement* ta' l-Input Tax.

[1] Fol. 84 tal-process.
[2] Fol. 89 sa' 92 tal-process.

Il-Kummissarju tat-Taxxi jopponi ghall-appell tas-socjetà Rikorrenti mill-istimi li hareg fil-konfront taghha ghall-perijodi ta' taxxa bejn l-1 ta' Frar 2008 u l-31 ta' Dicembru 2010 u jitlob li l-istess jigi michud filwaqt li l-istimi jigu ikkonfermati stante li: (i) kuntrarjament ghal dak pretiz mis-socjetà Rikorrenti l-istimi mahruga minnu ma humiex preskritti in kwantu l-istimi provizorji inhargu u gew notifikati entro t-terminu statutorju ta' sitt snin mit-tmiem tal-perijodi ta' taxxa in kwistjoni u l-istimi finali nhargu u gew notifikati entro t-terminu statutorju ta' sitt xhur mid-data tan-notifika ta' l-istimi provizorji; (ii) l-istimi mahruga fil-konfront tas-socjetà Rikorrenti naqsu in segwitu ghar-*Review* ta' l-istimi provizorji u ghalhekk l-operat tieghu f'dan il-kaz kien gust u in konformità mal-provvedimenti tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta; (iii) huwa dejjem kien trasparenti fl-operat tieghu u s-socjetà Rikorrenti nghatat spjegazzjoni kemm dwar l-eiztu ta' l-investigazzjoni fil-konfront taghha kif ukoll dwar l-ezitu tar-*Review* mitlub minnha u ghalhekk illum ma tistax tallega li ma kenitx taf b'dak li kien qed jigri; (iv) is-socjetà Rikorrenti ma tindikax b'mod car fejn huwa naqasha fl-operat tieghu; u (v) l-oneru tal-prova li l-istimi kontestati huma eccessivi jinkombi fuq is-socjetà Rikorrenti u a tenur tal-Ligi hu ma huwiex obbligat jipprova kif wasal ghall-konkluzzjonijiet tieghu fir-rigward tas-socjetà Rikorrenti.

Waqt is-seduta tat-2 ta' Frar 2015 il-partijiet qablu li fid-dawl ta' l-aggravju tal-preskrizzjoni sollevat mis-socjetà Rikorrenti, it-Tribunal ghandu l-ewwel jittratta u jiddeciedi tali aggravju qabel ma jittratta l-appell fil-mertu. B'hekk din is-sentenza qed tinghata limitatament fir-rigward ta' l-aggravju tal-preskrizzjoni.

Mir-Rikors promotur jirrizulta li l-aggravju tal-preskrizzjoni qed jigi sollevat biss fir-rigward ta' l-istimi ghall-perijodu ta' qabel il-15 ta' Settembru 2009 u ghaldaqstant l-istimi in kwistjoni f'din l-istanza partikolari huma l-istimi ghall-perijodi ta' taxxa 01.02.08-30.04.08, 01.05.08-31.07.08, 01.08.08-31.10.08, 01.11.08-31.01.09, 01.02.09-30.04.09, 01.05.09-31.07.09 u parti mill-istima ghall-perijodu ta' taxxa 01.08.09-31.10.09.

L-Artikolu 32 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta kif applikabbli fiz-zmien tal-hrug ta' l-istimi in kwistjoni, ossia fl-2014, kien jipprovdi li: *(1) Meta l-Kummissarju jkollu ghaliex jahseb li denunzja tat-taxxa maghmula minn persuna registrata taht l-Artikolu 10 ghal zmien ta' taxxa ma jkunx fiha dikjarazzjoni shiha u korretta ta' l-informazzjoni mehtiega li tkun dikjarata f'dik id-denunzja hu jista' jaghmel stima provizorja u ghandu jinnotifika dik l-istima provizorja lil dik il-persuna mhux iktar tard minn sitt snin mit-tmiem ta' l-imsemmi zmien ta' taxxa jew mid-data li fiha tintbaghat id-denunzja ta' taxxa ghal dak iz-zmien ta' taxxa, skond liema data tigi l-aktar tard: Izda, fejn l-istima provizorja tkun tirreferi ghall-aggustament li jirrelata ma' l-input tax fuq l-oggetti kapitali imsemmija fl-Ghaxar Skeda, ghandha tigi notifikata mhux aktar tard minn sitt snin mit-tmiem tal-perjodu ta' aggustament imsemmi fl-imsemmija skeda. (2) Meta tinhareg*

*stima provizorja ghandu jkun indikat b'mod car fuqha li dik tkun stima provizorja u li wara tista' tinhareg stima fil-limitu ta' zmien specifikat fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu. Hlief kif imsemmi qabel, stima provizorja ghandu jkun fiha dawk il-partikolartajiet kollha li huma mehtiega li jinghataw fi stimi u dawk il-partikolaritajiet l-ohra li l-Kummissarju jista' jidhirlu xierqa tista' ssir fuq dik il-formula u jista' jkun fiha dawk il-partikolaritajiet l-ohra kif jista' jigi preskritt. (3) Wara li jghaddi zmien ta' mhux inqas minn tletin jum u mhux iktar minn sitt xhur minn notifika ta' stima provizorja lil persuna dwar zmien ta' taxxa, il-Kummissarju jista' jaghmel stima ta' l-output tax u t-tnaqqis ta' dik il-persuna ghal dak iz-zmien u tal-penali amministrattiva li ghaliha dik il-persuna tkun giet suggetta u ghandu jinnotifika dik l-istima lil dik il-persuna. (4) L-istima maghmula skond is-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu ma ghandux ikun fiha xi differenzi fl-ammonti specifikati fl-istima provizorja relattiva hlief ghal: (a) varjazzjonijiet mitluba minn jew bi ftehim ma' l-imsemmija persuna; (b) varjazzjonijiet li jikkonsistu fis-sostituzzjoni ta' l-ammonti murija fl-istima provizorja b'ammonti li jkunu daqsinsew jew eqreb ta' dawk dikjarati fid-denunzja relattiva. (5) Il-Kummissarju jista', ghall-ghanijiet ta' dan l-Att, jikkancella kull stima provizorja li jkun hareg, u johrog stima provizorja gdida, u dan il-kancellament ghandu jkun bla pregudizzju li johrog stima provizorja gdida li tkun mehtiega tohrog taht dan l-Att minflok l-istima provizorja kkancellata li ghandha titqies li qatt ma harget. Din l-istima provizorja gdida ghandha tinhareg fiz-zmien perentorju specifikat fis-subartikolu (1).*

Minn dan il-provvediment tal-Ligi jirrizulta li meta l-Kummissarju tat-Taxxi jkolli ghaliex jahseb li persuna registrata taht l-Artikolu 10 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta ma tkunx ghamlet dikjarazzjoni shiha u korretta fid-denunzja tat-taxxa taghha, huwa jista' johrog stima provizorja fil-konfront ta' dik il-persuna fi zmien **mhux iktar tard minn sitt snin minn tmiem il-perijodu ta' taxxa in kwistjoni jew mid-data tas-sottomissjoni tad-Denunzja tat-Taxxa, skond liema tkun l-iktar tard**, liema stima provizorja **ghandha tigi segwita bi stima finali fi zmien massimu ta' sitt xhur mid-data tan-notifika ta' tali stima provizorja**.

Fil-kaz in ezami it-tmiem tal-perijodi ta' taxxa in kwistjoni huma t-30 ta' April 2008, il-31 ta' Lulju 2008, il-31 ta' Ottubru 2008, il-31 ta' Jannar 2009, it-30 ta' April 2009, il-31 ta' Lulju 2009 u l-31 ta' Ottubru 2009 u mix-xhieda ta' Shirley Ciantar ghall-Kummissarju tat-Taxxi jirrizulta li d-denunzji tat-taxxa ghall-perijodi in kwistjoni kollha gew sottomessi entro d-*due date* taghhom. Fid-dawl ta' dan jirrizulta ghalhekk li l-istimi provizorji mahruga fil-konfront tas-socjetà Rikorrenti kellhom jinhargu **u** jigu notifikati lilha entro s-segwenti termini massimi: (a) **30 ta' April 2014** – stima ghall-perijodu ta' taxxa 01.02.08030.04.08, (b) **31 ta' Lulju 2014** – stima ghall-perijodu ta' taxxa 01.05.08-31.07.08, (c) **31 ta' Ottubru 2014** – stima ghall-perijodu ta' taxxa 01.08.08-31.10.08, (d) **31 ta' Jannar 2015** – stima ghall-perijodu ta' taxxa 01.11.08-31.01.09, (e) **30 ta' April 2015** – stima ghall-perijodu ta' taxxa

01.02.09-30.04.09, (f) **31 ta' Lulju 2015** – stima ghall-perijodu ta' taxxa 01.05.09-31.07.09 u (g) **31 ta' Ottubru 2015** – stima ghall-perijodu ta' taxxa 01.08.09-31.10.09.

Mill-provi prodotti mill-Kummissarju tat-Taxxi, u b'mod partikolari mill-AR Card relattiva ghan-notifika ta' l-istimi provizorji[3], jirrizulta li l-istimi provizorji ghall-perijodi ta' taxxa in kwistjoni gew notifikati lis-socjetà Rikorrenti fil-**21 ta' April 2014**, ossia ben entro t-terminu perentorju ta' sitt snin prefiss fl-Artikolu 32(1) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta. L-istimi finali in segwitu ghal tali stimi provizorji nhargu fil-konfront tas-socjetà Rikorrenti fit-12 ta' Settembru 2014 u gew notifikati lilha fit-**30 ta' Settembru 2014**[4], u cioè entro it-terminu perentorju ta' sitt xhur mid-data tan-notifika ta' l-istima provizorja relattiva.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat jirrizulta bl-iktar mod car u inekwivoku li kuntrarjament ghal dak pretiz mis-socjetà Rikorrenti, l-istimi mahruga fil-konfront taghha ghall-perijodi ta' taxxa qabel il-15 ta' Settembru 2009 ma humiex preskritti.

Is-socjetà Rikorrenti tikkritika lill-Kummissarju tat-Taxxi ghall-fatt li l-istimi finali mahruga fil-konfront taghha huma inqas, u f'certa cirkostanzi sostanzjalment inqas, mill-istimi provizorji inizjalment mahruga fil-konfront taghha. In effetti mill-provi prodotti jirrizulta li l-istimi finali mahruga fil-konfront tas-socjetà Rikorrenti gew ridotti ghal dak li jirrigwarda *Output Tax* skond il-Kummissarju dovuta mis-socjetà Rikorrenti ghall-perijodi ta' taxxa meritu ta' dan l-appell.

It-Tribunal jibda biex josserva li tali kritika fir-rigward ta' l-operat tal-Kummissarju tat-Taxxi hija kwistjoni distinta mill-aggravju tal-preskrizzjoni sollevat fir-rigward ta' l-istimi ghall-perijodi ta' taxxa qabel il-15 ta' Settembru 2009. Din l-osservazzjoni ssib konferma f'dak provdut fl-Artikolu 32(4) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta li, jigi ribadit, jipprovdi illi: *(4) L-istima maghmula skond is-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu ma ghandux ikun fiha xi differenzi fl-ammonti specifikati fl-istima provizorja relattiva hlief ghal: (a) varjazzjonijiet mitluba minn jew bi ftehim ma' l-imsemmija persuna; (b) varjazzjonijiet li jikkonsistu fis-sostituzzjoni ta' l-ammonti murija fl-istima provizorja b'ammonti li jkunu daqsinsew jew eqreb ta' dawk dikjarati fid-denunzja relattiva*. Huwa evidenti ghalhekk li affermazzjoni dwar diskrepanzi bejn stimi provizorji u stimi finali tista' se mai teffettwa l-validità legali ta' l-istimi finali, u dana anke fl-eventwalità li tali stimi finali jinhargu u jigu notifikati lit-*taxpayer* entro t-terminu statutorju ta' sitt xhur mid-data tan-notifika ta' l-istimi provizorji, hekk kif inhu l-kaz fil-kaz in ezami.

---

[3] Fol. 30 tal-process u mill-gdid a fol. 87 tal-process.
[4] Dok. "SC3" a fol. 88 tal-process.

Iccarat dan il-punt it-Tribunal hu tal-fehma li l-validità legali ta' l-istimi finali meritu ta' dan l-appell, u hawn it-Tribunal qed jirreferi ghall-istimi kollha kontestati u mhux biss dawk fuq liema huwa impernjat l-aggravju tal-preskrizzjoni, hija indiskussa u dana billi tali stimi jaqghu taht l-eccezzjonijiet previsti fis-subartikolu (4) ta' l-Artikolu 32 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta. In effetti mill-atti processwali u senjatament mir-Rapport tar-Review Officer Adrian Pisani[5], jirrizulta li t-tnaqqis fl-*Output Tax* pretiza mill-Kummissarju tat-Taxxi gie akkordat a favur is-socjetà Rikorrenti in segwitu ghat-talba taghha ghar-Review ta' l-istimi provizorji mahruga kontriha. Fir-Rapport tieghu r-Review Officer josserva li *during review stage, Ms. Vella and Ms. Bonanno argued that the Tax Compliance Unit were not correct when calculating the deemed mark ups as they did not include freight, installations and delivery and other direct costs. Upon further investigation, it was observed that as the mark up was calculated on the purchase price only (i.e. excluding all direct costs), on arriving to the deemed sales, the Tax Compliance Unit rightly deducted freight, insurance duty, installation and delivery expenses and other direct costs before applying the deemed mark ups. However, it was observed that when the deemed mark up (excluding all direct costs) was added to the cost of sales, erroneously the amount added as cost of sales included the delivery and installation. The cost of sales to be added to the deemed mark up should not have included the delivery and installation expenses as the deemed mark up did not allow for these expenses. Furthermore, the Review Section feels that the deemed mark ups should also allow for any damaged items and display showroom goods. Hence, a further allowance of 3% for every year is being allowed.*

Ma ghandu jkun hemm l-ebda dubju li stima/stimi finali li in segwitu ghall-process ta' Review ta' stima/stimi provizorji tohrog b'figuri u valuri **inqas** mill-istima/stimi provizorji taqa' entro l-parametri ta' l-Artikolu 32(4) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta ghar-raguni li - apparte l-implikazzjoni ferm cara tad-dicitura ta' l-imsemmija disposizzjoni tal-Ligi - kwalunkwe interpretazzjoni ohra ta' l-imsemmi provvediment twassal ghal sitwazzjoni ferm assurda fejn *taxpayer* li wara talba ghar-Review ta' stima provizorja jirnexxielu jottjeni tnaqqis fil-figuri originarjament stmati fil-konfront tieghu, ikun jista' jipprocedi billi jikkontesta l-validità legali ta' stima finali hekk riveduta 'l isfel. Detto ciò ikun irid jigi kkunsidrat jekk tali stimi, ghad illi legalment validi, humiex ukoll gustifikati, punt dan però li jaqa' pjenament fil-kuntest tal-mertu ta'' l-appell odjern, mertu li appuntu ghad irid jigi trattat iktar 'l quddiem fil-kors tas-smigh ta' dawn il-proceduri.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat it-Tribunal jirribadixxi li l-pretensjoni tas-socjetà Rikorrenti li l-istimi relattivi ghall-perijodi ta' taxxa qabel il-15 ta' Settembru 2009 huma preskritti hija fattwalment u guridikament zbaljata u bhala tali ghal kollox insostenibbli.

---

[5] Fol. 44 sa' 60 tal-process.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-aggravju tal-preskrizzjoni sollevat mis-socjetà Rikorrenti u jordna l-prosegwiment tal-kawza fil-mertu.

L-ispejjez relattivi ghal din l-istanza huma a karigu tas-socjetà Rikorrenti.

A tenur ta' l-Artikolu 2(4) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lis-socjetà Rikorrenti.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**